# MISS UNIVERSE

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Xegħlet id-dinja bik, tfajla sabiħa
  Li sraqt l-għajnejn imġenna ta' l-ibliet,
Għaliex bħall-klieb u ż-żwiemel ħrigt rebbieħa
  Fil-wirja ta' das-seklu, tat-tfajliet.

Nofsok mostura, kollox lwien u fwieħa,
  Għogobthom 'l-imħallfin tal-ġmilijiet:
Kif huma ssaħħru wrajk, lid-dinja sħiħa
  Stqarrewk bħala reġina tax-xbejbiet.

Ifraħ bi ġmielek, 'ma tinsiex kemm isbaħ
  Minnek fi djarhom hemm tfajliet miġbura
    Jew jaħdmu r-raba' taħt ix-xemx qalila.

Belha li inti! Ma jdumx wisq ma jisbaħ
  U tkun tixtieq li flok bil-ġmiel u s-sura
    Tgħaxxaqt bis-sliem, bħal dawk, u b'ħajja twila.